**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015.

Talba Numru: 278/2015AM

Numru fuq il-Lista: 25

**GO plc – C22334**
**Fra Diego, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Lupse Ionut Gabriel (ID 75218A)**
**124, Petrose, Flat 1,**
**Triq San Pawl,**
**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-16 t' April, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' erba mija u wiehed u sittin ewro u disa` centezmi (€461.09c) in

konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 bl-akkont numru AC 40197526 moghtija mis-Socjeta' attrici.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici ghadu dovut u ma thallasx lanqas in parte.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba` mija u wiehed u sittin ewro u disa` centezmi (€461.09c) bl-imghax legali kontra l-konvenut mit-13 ta' Marzu, 2014 data tal-ittra ufficjali 447/14 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali citata huma a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**